MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru. 312/2010

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Illum 12 ta' Frar, 2015**

**Kumpilazzjoni Numru 312/2010**

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**Marusca Vidal detentrici tal-karta tal-identita' numru 480178M**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Marusca Vidal** li giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-28 ta' Marzu, 2010 u matul l-ahhar gimgha ta' qabel din id-data:

A. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga Erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtoriazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati

u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

B. U aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga Erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinzna dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali taghha;

C. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer fix-xahar ta’ Frar, 2010 u matul it-tlitt xhur ta’ qabel dan ix-xahar, kellha fil-pussess taghha d-droga Kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-Licenzja jew xort’ohra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga

msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi Marusca Vidal wiegbet li ma kinitx hatja tal-istess.

Rat kemm l-Ordni kif ukoll il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Illi l-fattispecie ta' din il-kawza huma l-mewt b'overdose ta' certu Christian Bartolo, guvni appena hareg mill-Habs. Allegatament kienet l-imputata li forniet id-droga kagun tal-overdose lil dan il-guvni. Jigi premess pero, illi l-imputata ma gitx akkuzata bl-omicidju nvolontarju ta' Daniel Bartolo.

Xehed ghalhekk **missier Daniel Bartolo**, li spjega li hu rranga ma' ibnu biex imur jigbru mill-Habs fil-gurnata li dan kien ser jigi minn hemm rilaxxat. Dan ix-xhud – **Joseph Mary Bartolo**, spjega li ibnu kien cempel mill-Habs u talbu biex ma jmurx jigbru fis-7.00pm, u li ma kellux jipparkja quddiem il-Habs biex ma jihux citazzjoni, u anke ghax ried imur jiffirma l-ghassa tar-Rahal Gdid. Talbu li jigbru minn fejn il-Knisja ta' Rahal Gdid. Qal illi hu u bintu ftehmu li xorta jmorru jistennew lil Daniel hdejn il-Habs, quddiem il-bieb tieghu.

Ftiehem ma’ bintu li din kellha titla’ bil-mixi u tavvicina l-ghassa tar-Rahal Gdid biex tara jekk hux vera li huha kien ser jidhol hemm. Zied illi ghalhekk fis-6.55pm, kien ipparkjat quddiem il-Habs b’karozza li ibnu Daniel ma kinx jaf. Bintu kif miftehma telghet hdejn l-ghassa. Rawh fis-sebgha (7.00pm) hiereg mill-Habs. Talab lil bintu tara jekk ibnu – huha, kinx ser jidhol gol-ghassa. Zammu kuntatt bil-mobile – din wegbitu fin-negatttiv. Ghalhekk hu xehed illi tela’ hdejn il-Knisja ta’ Rahal Gdid. Jghid illi dahal fl-ewwel kisra mal-HSBC, u gie go Triq il-Qalb ta’ Gesu. Qal illi fil-kantuniera hemm ‘stop sign’. Osserva lil ibnu fejn targa gholja, u hareg idu l-leminija. Zied illi idu l-leminija marret lura u rah idahhal xi haga fil-but tax-xellug tal-flokk illi kien liebes. Qal illi kif dar il-kantuniera sab lil ohtu ma’ wiccu u l-karozza tax-xhud wieqfa. Qal illi kif avvicina l-karozza, staqsieh x’kien tefa’ fil-but, qal illi ibnu dar minn naha tal-passiggier, pero bintu nfurmatu li kien rema xi haga li hi gabret – kienet bicca foil. Jghid ix-xhud illi meta fetahha ma sab fiha xejn. Staqsieh jekk kinx ser jerga’ jibda jahraq – ibnu ma wegbux.
Hadu joqghod gol-appartament ta’ missieru li kien rikoverat l-Isptar. Zied illi fittixlu gol-bwiet tal-jeans. Ma sab xejn. Widdbu li kellu joqghod bil-ghaqal u biex ma jdahhal lil hadd fil-flat. Qallu li jekk kien ser jerga’ jispicca l-Habs, la kien ser imur u lanqas jghinu finanzjarjament. Qal illi ibnu Daniel anke rringrazzjah. Telquh wahdu gol-flat. Qal illi l-ghada mar ghalih kif kienu miftehmin, lejn id-9.00am, biex jigbru xi pilloli li Daniel kellu bzonn mid-Detox. Qal illi beda jcempillu ghal diversi drabi, ma wegbux.
Mar il-flat, fetah bic-cavetta, beda jghajjatlu u sabu hemm mejjet. Jghid illi cempel lil tas-CID. Zied illi hu kien jaf li ibnu kellu u kien ilu bi problema tad-droga circa ghaxar (10) snin.

Illi kienet ghalhekk din il-mewt li wasslet lil missier Daniel jindika lill-pulizija nvestigattiva l-fond li minnu ra lil ibnu jircievi xi haga.

L-**Ufficjal Prosekutur Johann Fenech** minn naha tieghu xehed illi kien sab liz-zaghzugh mejjet go flat li kien Christian Bartolo. Spjega li kien missier dan - ix-xhud precedenti, li tah spjegazzjoni dwar dak illi okkorra. Qal illi fuq l-informazzjoni li hu rcieva minghand dan, kien baghat lin-nies tieghu mal-missier biex jindikalhom il-fond fi Triq il-Qalb ta' Gesu, Rahal Gdid.
Qal illi l-Magistrat Inkwirenti hareg anke mandat ta' tfittxija fir-rigward ta' dan il-fond, fejn il-missier indikalu li kien ra lil ibnu jhabbat. Xehed illi ghalhekk baghat lin-nies tieghu jaghmlu osservazzjoni fuq il-post.
In kontro ezami wiegeb illi l-boyfriend tal-imputata kien certu Michael Rizzo li kien anke jaf li kien il-Habs.
Ikkonferma li n-nies tieghu ghamlu t-tfittxija fil-fond in kwistjoni u li hu u s-Sur Norbert Ciappara kienu qed jigu nfurmati minnhom.
Dwar il-mandat qal illi kien hu li mar id-dar ta' Marusca Vidal u taha l-mandat – dan dejjem wara li gia' kienet saret it-tfittxija ghandha, pero li hi kienet infurmata verbalment bil-mandat.
Aktar tard prezenta bicctejn karti li skondtu gew elevati minn PS 1220 u roll aluminium li gie elevat mill-istess Surgent – Dok JF1 u Dok JF2.

Minn naha tieghu, l-**Ispettur Dennis Theuma** kkonferma li kien hu li kien kellem lill-Magistrat Audrey Demicoli biex din tiffirmalu xi mandat in konnessjoni ma' dan il-kaz. Qal illi l-informazzjoni fuq il-mandat de quo, il-Magistrat Inkwirenti

kienet ircevietha minghand l-Ispettur Johann Fenech. Qal illi l-mandat kien fil-konfront ta' Vidal.

Kienu nvoluti varji pulizija fl-esekuzzjoni tal-mandat fuq l-imputata.

**<u>WPS 136 Charlene Ciantar</u>** minn naha taghha kkonfermat li ma' shabha kienet inghatat mandat f'isem Marusca Vidal. Qalet illi flimkien mal-kollegi taghha kienu qed jaghmlu osservazzjoni fuq il-fond aktar 'il fuq indikat. Kien hemm prezenti skondtha units ohra. Qalet illi dahlu fil-fond flimkien mal-imputata. Hemm tghid illi rat lil PS 1220 li kellu xi pakketti f'idu suspettati li kienu kontenenti droga. Qalet illi WPC 237 tat it-twissija lill-imputata u anke staqsietha jekk xtaqitx tkellem avukat. Bdiet it-tfittxija fil-kamra tar-residenza. Qalet illi minn hemm ingabru xi rolls tal-foil u xi mobiles. Ziedet illi hin minnhom l-imputata anke kienet stqarret maghhom li kienet tbiegh id-droga biex tmantni lit-tfal. Tat parir lill-imputata li kien ahjar ma titkellimx qabel ma tkellem avukat. Ziedet pero li xorta l-imputata wriet ix-xewqa li tikkopera maghhom. Ghalhekk skont din ix-xhud qaltilhom li l-karti li kienet tippakkja d-droga fihom kienet ramiethom fir-rubbish. Infatti, tghid din ix-xhud illi dawn instabu u gew elevati.
Ziedet illi minn gol-living room gew elevati wkoll varji mobiles.
Qalet illi kienu s-SOCO li elevaw dawn l-ezebiti.

Fuq l-osservazzjoni li saret fuq il-vettura tal-imputata, wiegbet illi hi setghet tara mara hierga minn gol-vettura. Ziedet illi meta dahlet fir-residenza ta' Marusca kien hemm aktar nies fil-kcina taghha, cioe' kollegi ohra bhal WPC 239, PS 1220,

PC 673 u PC 213, tant illi l-imputata wriethom ix-xewqa li ma jkunx hemm daqshekk nies matul is-search.

Dwar l-osservazzjoni, ziedet illi l-kuntatt mal-units l-ohra nvoluti (go vetturi) kien qieghed isir via radio u mobile.

Wiegbet ukoll illi l-warrant ma kinx f'idejhom waqt it-tfittxija, pero wasal x'hin kienu ghadhom fuq il-post.

**PS 1220 Chris Baldacchino** dahal ukoll ir-residenza tal-imputata. Sabha fit-toilet fejn skondtu lahqet ifflaxxjat. Jghid illi x'hin ittawwal fit-toilet ra zewg bicciet foil li aktar tard gew elevati mill-membri tas-SOCO. Darba li gew miftuha osserva li kienu kontenenti qratas suspettati droga. Zied illi minn go garbage bag kif indikat lilhom mill-istess Vidal, instabu karti li hija qalet li kienet tgahmel il-qratas fihom. Gie anke elevat magazine (vide Dok JF1 u Dok JF2).
Muri Dok BC folio 109, gharaf ir-ritratti ta' barra u gewwa r-residenza tal-imputata, kif ukoll l-ezebiti msemmija minnhom elevati.

Id-dokument BC hawn riferut huwa relazzjoni ezebita minn **PC 453 Brian Cassar** - faxxikolu ta' ritratti u esekuzzjoni tal-inkarigu lilu moghti mill-Magistrat Inkwirenti.

**PC 213 Nicolai Borg** ukoll ikkonferma li raw lill-imputata diehla fir-residenza fejn saret tfittxija u kkonferma li sabulha zewg sachets fil-foil. Ikkonferma li l-imputata anke ppruvat tarmi l-istess fit-toilet, tifflaxxjahom hemm. Qal illi rnexxielhom jigbruhom u meta nfethu sabu fihom sit (6) sachets ohra bil-karti, u go foil iehor kien hemm seba' (7) sachets ohra tal-karti wkoll. Ukoll xehed illi l-imputata

ndikatilhom li fil-barmil taz-zibel kien hemm karti li ghamlet il-pakketti fihom.

**<u>WPC 237 Vella</u>** wkoll minn naha taghha xehdet l-istess fuq l-osservazzjoni li saret fil-konfront tal-imputata. Ikkonfermat ukoll il-pakketti bis-sustanza u l-mobiles kollha elevati mir-residenza.

Senjalament din qalet ukoll illi hi kienet infurmat lill-imputata bl-arrest, illi ma kinitx obbligata titkellem, kif ukoll bid-dritt tal-ghajnuna legali. Qalet illi l-imputata qaltilha li kienet taghmel dan biex taqla’ xi haga tal-flus ghax kienet single mother, tbiegh biex taqla’ xi haga tal-flus – dan b’referenza ghall-pakketti. Ikkonfermat ukoll illi l-imputata ndikatilhom li gewwa d-dustbin kien hemm xi karti ta’ xi magazine li kienet uzat/tuza biex taghmel il-pakketti li kienu nstabu fil-foil.

Dwar id-dritt tal-avukat wiegbet illi “*ghal-ewwel qalet illi ser tahsibha, umbghad iktar tard gewwa l-Lock-up jiena stess cempilt lil Dr Joseph Ellis u kellmitu hi.*”

Qalet ukoll illi l-informazzjoni li tat l-imputata wara li tatha d-drittijiet taghha, tatha minn jeddha.

Ziedet in kontro ezami u kkonfermat illi l-imputata kienet indikat lill-Ispettur li xtaqet tiehu parir legali.

Qalet illi kitbet fuq ir-registru appozitu li kienet qabbditha mal-Avukat Ellis u hallietha tkellmu wahidha. Hi kienet qed tistenna f’kamra ohra faccata. Ikkalkulat - kif mitluba mid-Difiza, stante li hi kienet qed tara lill-imputata minn hgiega, tul il-hin illi din ghamlet tkellem lill-Avukat (taraha dejjem minn kamra ohra tramite bibien tal-hgieg), qalet illi l-imputata

damet bejn hames (5) u ghaxar (10) minuti f'din il-konsulta. Ziedet illi l-konsulta "*ma kinitx ta' minuta imma zgur ....imma bl-amment il-hin ezatt ma nistax nghidlek.*" (folio 256).

Dwar il-konsulta tal-imputata mal-Avukat tela' jixhed ukoll **PC 318 Franco Rogers**. Qal dan, muri Dok SJa (folio 191 ezebit minn PS 1557 Jeffrey Sacco), illi fuq ir-registru appozitu (li tieghu d-dokument huwa estratt) kien kiteb il-hin tal-4.20pm, x'hin Vidal bdiet il-konsulta mal-Avukat.

Aktar tard l-istess xhud ezebixxa d-dokument immarkat bhala FR (folio 261), pero kkonferma li fuq l-istess ma kinx hemm indikat kemm damet it-telefonata tal-konsulta mal-avukat. Ikkonferma li l-persuna li nizzlet l-informazzjoni hemm indikata kienet WPC 237.

**PS 74 Mark Chetcuti** ezebixxa l-inkarigu tieghu bhala Dok MC, li qeda bhala SOCO. Bhall-esperti l-ohra kkonferma in kontro ezami li hu kien infurmat, kif solitament isir, dwar l-inkarigu tieghu mill-Ispettur.

L-**Ispizjar Mario Mifsud** ikkonkluda hekk dwar is-sustanza misjuba:
"

a. *Illi ma nstabux sustanzi llegali fuq zewg bicciet ta' karti li kien hemm fid-dokument 055/11/02;*

b. *Illi nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicca karta u bicca plastic trasparenti li kien hemm fid-dokument 055/11/02;*

c. *Illi fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fi tlettax-il qartas tal-karti fid-dokument 055/11/01, f'ammont nett*

> *totali ta' 0.79 grammi, instabet fih is-sustanza Herojina. Il-medja tal-purita' tat-trab ta' lewn kannella ghas-sustanza Herojina kienet ta' circa 46.3%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

(vide Dok MM folio 218).

Xehdu wkoll dwar il-mejjet **Dr Joseph Tonna, Jeannette Cali, u Maria Dolores Spiteri**.

**Tfakkar il-Qorti, illi hawn, fil-kawza in dezamina, ma giet addebitata ebda akkuza ta' omicidju nvolontarju kawza ta' overdose.**

**Dr Joseph Tonna** spjega li hu kien tabib mediku u kien jahdem il-Habs. Xehed minn fuq il-medical file tal-mejjet Christian Bartolo. Qal illi l-medical staff tal-Habs l-ahhar li kien rah kien fit-8 ta' Marzu, 2010. Spjega dwar il-medicini li dan kien qed jircievi, dejjem fuq domandi tad-Difiza. Spjega li dan kien affetwat b'ansjeta' u "*personality problems*". Kien jiehu l-medicini fuq bazi gurnaljiera. Kien jigi somministrat ukoll anti-depressants, kalmanti, u anke pilloli ghall-istonku.

Mistoqsi ghalfejn kien hemm bzonn daqshekk anti-depressants stante li semma varji pilloli u medicinali, wiegeb illi Bartolo kien "*grade IV drug user*". Iddeskriva lil Bartolo bhala *poly drug user*; illi kien jiehu l-eroina u l-methadone u sahansitra jabbuza mill-pilloli. Qal li anke kien Mount Camrel u dejjem kien jitlob ghall-pilloli; illi dejjem kien ansjuz u gewwa l-Habs anke beda jabbuza minn certi pilloli li lanqas kienu miktubin – kien qed jiehu tip ta' kalmanti.

Ghalkemm ma kinx jaf jghid x'ircieva bhala pilloli mill-Habs il-mejjet, xehed illi kien jaf illi kienu tawh is-Seroquel (kalmanti) - tnejn tal-mitejn (200) gramma. Qal illi ma kinux jaghtu ammonti kbar minhabba li kienu jafu li hu kien jabbuza.
Ezebixxa t-Treatment Chart ta' Bartolo bhala Dok JT a folio 252.

Minn naha taghha **<u>Jeanette Cali</u>** bhala staff nurse fid-direttorat tan-nursing u tahdem part-time il-Habs, ukoll xehdet dwar il-pilloli li kienu preskritti lil Bartolo gewwa l-Habs, semmiet ukoll "*anti-depressant*" drug Seroquel.

**<u>Maria Dolores Spiteri</u>**, nurse kemm f'Mater Dei kif ukoll go CCF xehdet illi hi kienet amministrat pilloli lil Bartolo skont it-Treatment Chart, ezebita bhala Dok MDS folio 305.

Ghazlet illi tixhed l-**<u>imputata</u>** minn jeddha.

Pero qabel xejn, din il-Qorti ser tezamina l-istqarrija minnha rilaxxata, dan nonostante li d-Difiza kkontestat il-kontenut taghha, anke ghax sahqet illi ma kinitx moghtija zmien bizzejjed, jew ahjar ma hadetx zmien bizzejjed biex tinghata parir legali idoneu – allura donnu hu suggerit illi ghalhekk hija inammissibbli.

Issa certament, u fuq dan il-Qorti m'ghandhix dubbju, u lanqas ma gie dan konestat, illi l-imputata mal-arrest taghha mill-ewwel giet moghtija d-drittijiet kollha taghha, inkluz li tkellem u tikkonsulta avukat. Gia' fir-residenza taghha hi ghazlet, minn jeddha, illi tikkopera mal-pulizija, tant illi anke ndikatilhom il-karti li kienet ramiet fid-dustbin. Sa hawn

kienet ghadha ma xtaqitx tkellem avukat, nonostante li giet moghtija d-dritt.

Darba d-Depot, kif del resto kien drittha, ghazlet illi tizufruwixxi mid-dritt ta' konsulenza legali. Inghatat bla xkiel din l-opportunita'. Kellha dritt *ex lege* titkellem mal-avukat ghal siegha (1) shiha. Ghal xi raguni, din il-konsulta b'ghazla taghha jew tal-Avukat, damet biss massimu ta' ghaxar (10) minuti - jekk damet daqshekk!
Pero din kienet ghazla li l-pulizija ma kellha ebda jedd fuqha, u li ma offriet ebda xkiel ghaliha – anzi Vidal inghatat dik il-privatezza mehtiega u dovuta kif jirrizulta mill-provi, biex tkellem lill-Avukat konsulent. Id-dewmien tal-konsulenza sa massimu ta' siegha (1) ma kinx dipendenti fuq il-pulizija. Il-parir li nghatat jew segwiet, ukoll ma kinx dipendenti fuq il-pulizija. Wara li spiccat din il-konsulta hi rrilaxxat stqarrija, illi ovvjament qed tigi attakkata ghax fiha Vidal ammettiet il-bejgh tad-droga.

Il-Qorti rat l-Artikolu 355AT tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqis illi l-istqarrija rilaxxata mill-imputata hija wahda li giet mehuda wara li gew segwiti ir-rekwiziti hemm imnizzla:
"

*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, <u>għal mhux iktar minn siegħa żmien</u> (*enfazi tal-Qorti*). Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha*

*titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu."*

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li dan l-Artikolu gia' totalment rispettat fejn jirrigwardja l-imputata, u konsegwentement l-istqarrija hija kompletament ammissibbli.

Fl-istqarrija spjegat illi kellha zewgt (2) itfal - tifel ta' tminn (8) snin u tifla ta' sena (1) u disa' (9) xhur. Qalet illi kienet tghix wahidha mat-tfal u li kellha social allowance ta' erba' mija u erbghin Ewro (€440) fix-xahar. Ammettiet illi kellha vizzju tad-droga. Qalet illi f'dawn l-ahhar tlitt (3) xhur kienet qed tuza l-kokaina, mentri fl-ahhar hmistax bdiet tuza u tiehu anke l-eroina. Qalet illi kokaina kienet tiehu b'ghoxrin Ewro (€20) fil-gimgha jew aktar. Qalet illi kienet qed tiehu l-eroina ghax kienet irhas. Ammettiet illi hi gieli hadet droga ma' xi hadd. Qalet illi l-ahhar li tat eroina tal-ghaxar Ewro (€10) kien il-Hamis li ghadda. Qalet illi lil din tatha bla flus.
Dwar il-pakketti li gew misjuba f'darha – tnax (12) jew tlettax (13)-il pakkett eroina, qalet illi xtrathom hamsin Ewro (€50). Qalet illi l-eroina xtratha go borza tal-plastic trasparenti zghira. Qalet illi qasmitha hi go pakketti ghaliha, u biex taghti lil haddiehor.

Mistoqsija ghalfejn kienet taghti eroina lil haddiehor, qalet hekk:
"*Naghti meta jkolli biss ghax gieli jaghtu lili. U naghti biex ikolli l-ghajnuna ghax il-flus tar-relief ma jservunix.*" (folio 26).

Mistoqsija kemm kienet taghti droga, wiegbet illi dawn l-ahhar hmistax. Ziedet ukoll illi kienet taqdi dejjem barra minn darha, kienu jcemplulha fuq il-mobile. Qalet illi l-ahhar li qdiet kien il-Hamis li ghadda.

Qalet illi s-Sibt ta' qabel ma kienet qdiet lil hadd. Qablet illi pero mar icemplilha Christian Bartolo. Qablet illi kien ghadu hiereg mill-Habs. Mistoqsija ghalfejn mar icemplilha, ghalfejn habbtilha, wiegbet illi staqsieha minn fejn seta' jinqeda. Wegbitu li ma kellha isem ta' hadd. Qallha li kellu l-flus. Talabha bicca foil. Tatu bicca.
Qalet illi saret tafu l-Caritas meta l-partner taghha Michael Rizzo kien qed jaghmel programm.
Qalet ukoll illi kieku kellha d-droga ma kinitx ittieh ghax kien qed jiehu skondtha l-pilloli u l-eroina u dawn ma kinux imorru flimkien. Tghid illi bezghet minnu u baghtitu ‘l hemm. Qalet ukoll illi peress li kien juza l-labra ma riditx affari mieghu.

Mistoqsija dwar messagg li kien jidher fuq ic-cellulari taghha minghand xi hadd jismu Jacmod, li kien jindika li dan il-guvni kien ghandha s-Sibt filghaxija, wiegbet illi hi b'dan ma kienet taf xejn.

Qalet illi din il-persuna kienet certa Jacqueline. Ma semmiet xejn maghha dwar Christian. Qablet pero, illi kienet rat il-messagg li dak li kien ghadu hiereg mill-Habs kien miet b'overdose.

Viva voce xehdet dwar il-problema ta' droga li kellha ta' eroina u l-fatt illi issa kienet harget minnha. Qalet illi din giet instigata meta fethet il-kaz minhabba wliedha, tant li qalet illi wliedha llum kienu ghand ommha u missierha. Xehdet illi llum il-gurnata kienet harget mill-vizzju.

Ikkonfermat illi missier uliedha kien Michael Rizzo li kellha relazzjoni mieghu ghal dawn l-ahhar tlettax(13)-il sena. Tghid illi l-partner taghha Michael spicca anke l-Habs minhabba l-problema tad-droga, nonostante li anke dahal f'diversi programmi.

Ziedet illi hi mal-mejjet kienet iltaqghet il-Caritas meta Michael kien hemm.

Insistiet illi d-droga misjuba fid-dar taghha kienet ghall-uzu personali taghha. Qalet illi Bartolo kif hareg mill-Habs mar ghandha ghax kien jaf fejn joqghod Michael. Talabha nformazzjoni fejn jista' jinqeda. Talabha oggett – bicca foil, u tathielu, foil vojta. Insistiet illi ma tatux droga, u li qatt ma hadet droga mieghu. Ziedet illi fil-prezent kienet qed tigi segwita mill-Probation Officer Joanne, u li kienet sejra tajjeb hafna. Qalet ukoll illi kien jiddispjacieha hafna ghall-mewt ta' Bartolo.

In kontro ezami qalet illi meta kkonsultat mal-Avukat, lil dan kienet staqsietu hux ser isegwieha, u wegibha fin-negattiv. Mistoqsija dwar dak illi qalet fl-istqarrija - li kienet tbiegh minhabba wliedha, issa wiegbet illi ma kinitx tiftakar, anzi qalet b'referenza ghal hekk "*Ma niftakarx li kont inbiegh jien, ahseb u ara kemm ghidtha.*" (folio 348)
Dwar li qalet illi kienet preparat il-pakketti, wiegbet illi lanqas kienet id-dar taghha, ahseb u ara kemm kienet preparat id-droga. Insistiet illi kienet preparathom ghaliha, u li kienet xtrat id-droga ghall-uzu personali taghha.

Qalet ukoll illi ma ffirmatx l-istqarrija ghax ma qablitx maghha, nonostante li gie suggerit lilha li anke kienet qratha u ghazlet illi ma tbiddel xejn. Insistiet illi llum kienet qed tghid

il-verita'; illi hi qatt ma bieghet; illi kienet imbezza'; illi lanqas kien hemm provi li hi bieghet; illi ma nstabux flus; illi ma nstab xejn ghandha; illi l-vizzju taghha kien biss ghaliha, cioe' kienet tixtri d-droga ghaliha.

Innegat illi hi kienet tbiegh biex issostni lil uliedha ghax ma kellhix xoghol. Wiegbet illi qalet li kienet biss tiehu ma' xi hadd, imma qatt ma bieghet. Dwar il-flus qalet illi hafna drabi kienu jghinuha ommha u missierha fil-flus, anzi nsistiet illi dejjem kienu jghinuha ghax kienet tircievi erba' mija (400) fix-xahar.

Semghet ukoll lill-**Probation Officer Joanna Farrugia**, li tul il-proceduri prezentat noti li kienu jindikaw l-andament pozittiv tal-imputata.
Viva voce qalet li kienet ilha ssegwieha ghal tlitt snin u nofs (3½); illi kienet issottomettiet ruhha ghal diversi testijiet tal-urina li dejjem taw rizultat negattiv. Kienet qieghda tghix hajja stabbli.

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel lok jerga' jigi premess nonostante li d-Difiza pruvat tattakka l-istqarrija, kif gia' espremiet ruhha l-Qorti, din hija wahda valida.

Tghid l-imputata viva voce, illi hi qatt ma bieghet ghall-flus, pero tghid illi tat droga, qasmet din anke ma' haddiehor. Argumentat illi ghandha ma nstab xejn li jindika li kienet tbiegh, lanqas flus; illi hi kellha l-genituri taghha jghinuha finanzjarjament, allura ma kellhix bzonn tbiegh ghall-finanzi - dan kontrarjament ghal dak illi qalet li kienet tbiegh. Dan kontrarjament ukoll ghal dak illi qalet id-Difiza fit-trattazzjoni

taghha li Vidal kienet taghmel dan biex issostni l-vizzju u li kellha wkoll xi bzonn impellenti biex tmantni lil uliedha. Dak iz-zmien kellha zewgt (2) itfal, u s-sieheb taghha ma kinx f'posizzjoni ahjar minnha fir-rigward tad-droga.

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li Christian Bartolo kif hareg mill-Habs, minflok kif miftiehem mar jiltaqa' ma' missieru, mar ifittex lil Vidal. Hija konvinta l-Qorti li dan ghamel hekk biss u unikament ghax kien jaf illi minghandha seta' jakkwista d-droga. Zgur illi ma marx ghal bicca foil patetika. Verament ma hemm ebda prova li Bartolo gab id-droga minghand l-imputata - fil-fatt ma hemm ebda addebitu ta' dan, pero terga' ssostni l-Qorti, illi huwa ferm indikattiv li huwa mar ifittex lilha minuti appena wara li hareg mill-Habs. Temmen ghalhekk illi l-ewwel verzjoni li tat hija dik veritjiera, mhux dik illi ppruvat tillapazza minn fuq il-pedana tal-Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat ir-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima; L-Ewwel Skeda; l-Artikolu 22(2)(b) – ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; L.S. 101.02 Reg 9.

Dwar il-piena ikkonsidrat il-progress illi ghamlet l-imputata tul il-kors ta' dawn il-proceduri, ghalhekk tqis illi ghandha tkun lenjanti fil-piena karcerarja li ghandha tigi mposta.
Jibqa' l-fatt illi l-imputata ghamlet hazin u lanqas ma tista' ssib gustifikazzjoni li ghandha tbiegh biex tiffinanzja lilha nnifisha u lil uliedha – konsegwentement qieghda tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' sentejn (2); u ghal multa ta' erbat elef Ewro (€4,000), liema multa hija konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna lil Marusca Vidal thallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elf mitejn u disghin Ewro u hamsin centezmu (€1,290.50), liema spejjez peritali huma konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KB 36.2011.

**Alexia Attard, Deputat Registratur**
**Ft/Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------